# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-9 ta' Marzu, 2018**

**Rikors Numru 182/2018**

**Fl-atti tal-Mandat t'inibizzjoni**
**fl-ismijiet**

1. **Carmel Mifsud (KI 28558 M)**

**u martu**

2. **Mary Grace Mifsud (KI 28558 M)**
   **residenti f'Numru 10, Charles Grace,**
   **Triq tas-Sejba, l-Imqabba**

**vs.**

**Michael Micallef (KI 586174 M)**
**residenti 8, St. Helen's Square,**
**Birkirkara**

Il-Qorti,

1. Reghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Frar, 2018, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet provizorju taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 12), li permezz tieghu:

   2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

   2.2. Laqghet provizorjament it-talbiet hemm kontenuti;

   2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti b'terminu ghar-risposta skont il-ligi;

   2.4. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta datata l-5 ta' Frar, 2018, (ara foll 14);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6. Illi t-talba li qed issir *tramite* r-rikors promotur in dizamina hi wahda li qed issir skont l-artiklu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

7. Illi l-imsemmi artiklu jista' jissejjah mandat t'inibizzjoni aljenatorju, intiz biex izomm lill-intimat milli jaljena beni in kawtela tal-kreditu pretiz mir-rikorrenti;

8. Illi konsegwentement, bhal ma hu fil-kaz odjern, iwassal ghal talba biex l-allegat debitur jigi inibit milli jaljena l-beni imsemmija fil-mandat, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

9. Illi l-Iskeda B tal-Kap 12 tistabbilixxi l-formoli li ghandhom jintuzaw ghad-diversi atti hemm kontemplati fosthom, il-Mandat t'Inibizzjoni, li hu kopert bil-formola Numru 25;

10. Illi din il-formola fil-fatt qed tintuza mir-rikorrenti in persekuzzjoni tad-drittijiet taghhom minnhom hawn vantati;

11. Illi tali formola tipprovdi wkoll ordni lill-marixxall esekutant biex izomm lill-intimat milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos*, sew b'titolu oneruz jew gratuwitu kull proprjeta` li minnha jkun jista' jiddisponi;

12. Illi in effetti skont l-istess, it-talba ghall-mandat in dizamina saret biex permezz tal-istess ir-rikorrenti jizguraw dejn jew pretensjoni li tammonta ghal mhux anqas minn €11,646.86;

13.0. Illi in vista tas-suespost talba ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni ssir jekk jigu sodisfatti s-segwenti rekwiziti;

 13.1. Illi t-talba trid issir minn kreditur;

 13.2. Illi l-kreditu ma jridx ikun inqas minn €11,646.86;

Ikkunsidrat:

14. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-atti tal-**Mandat t'Inibizzjoni Numru 1641/2017**, fl-ismijiet **Emanuel Micallef *et* vs. Vincent Xuereb**, datat il-**11 ta' Jannar, 2018**, li f'dan ir-rigward sosstniet is-segwenti:

> "Tajjeb jinghad illi l-artiklu 874(1) m'ghandux jinqara bhallikieku jikkonfliggi mal-artiklu 873 tal-Kap 12 ghaliex fir-realta` ma hemm l-ebda konflitt bejn iz-zewg disposizzjonijiet;
>
> "L-artiklu 873 hu aktar generiku mill-artiklu 874, u ghax hu mahsub biex ikun hekk, jimponi rekwiziti *ad hoc* l-aktar ir-rekwizit tal-"*pregudizzju rrimedjabbli*" li kien koltivat u zviluppat mil-gurisprudenza, aktar milli mit-

test **strett** tal-ligi, rekwizit dan illi mhux inkluz fl-artiklu 874;

"It-talba ghall-hrug tal-Mandat skont l-artiklu 874 hi ghodda **ohra** (innota l-frazi "**ukoll**"), li ghandu mhux kull minn jallega li ghandu jedd "*prima facie*" li se jkun pregudikat b'mod irrimedjabbli, izda li ghandu kreditur b'debitu favur tieghu li jaqbez l-€11,646;

"Kif taraha din il-qorti, il-*punto d'incontro* bejn iz-zewg disposizzjonijiet hu, anke ghall-fini tal-artiklu 874(1), li l-kreditu jrid jirrizulta minn dritt "*prima facie*";

Ikkunsidrat:

15. Illi ghalkemm jirrizulta minn ezami tal-okkju ta' din il-procedura li l-partikolaritajiet kollha tal-intimat ma kienux indikati bl-ezatt kif mehtieg statutorjament ghall-fini ta' registrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta` immobbli fir-Registru Pubbliku, jigi sottolineat fl-istess waqt li l-iskop wara s-subinciz (2) tal-artiklu 874 tal-Kap 12 hu biex tigi assikurata c-certezza tal-persuna tal-intimat bil-ghan li jekk tintlaqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat *de quo* tkun dik il-persuna proprja li tinzamm milli tbiegh, titrasferixxi jew tiddisponi mill-proprjeta` indikata fl-istess rikors promotur u mhux persuna ohra;

16. Illi fil-kaz odjern l-intimat jirrizulta li gie biss indikat *tramite* l-karta tal-identita` u r-residenza tieghu;

17. Illi ghandu jkun pacifiku li kien ikun ferm ahjar, u ghalhekk aktar konformi mal-kliem tal-ligi, li kieku r-rikorrenti indika l-partikolaritajiet kollha tal-intimat;

18. Illi pero`, l-fatt li l-intimat gie indikat biss bil-mod fuq riferit, (ara paragrafu numru sittax, (16.), aktar qabel), ma jgibx in-nullita` tar-rikors promotur;

19. Illi *del resto*, gialadarba hu riseput li n-numru tal-karta tal-identita` ta' cittadin Malti hu identifiku ghal data tat-twelid tieghu, minn dan wiehed xorta jista' jasal ghall-partikolaritajiet l-ohra tal-istess minghajr diffikultajiet kbar;

20. Illi ghalhekk, it-talba tal-intimat ghan-nullita` tar-rikors promotur, (ara foll 14), ma tistax tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi fir-rigward tal-**mertu** tal-vertenza jinghad sintetikament is-segwenti;

21.1. Illi mhux il-mertu ta' din il-qorti li tghid jekk il-pretensjoni vantata mir-rikorrenti fir-rikors in dizamina hix fundata jew le;

21.2. Illi tali accertament trid taghmlu l-qorti li ser titratta *funditus* il-mertu tal-istess pretensjoni fi procedura appozita;

21.3. Illi d-dover ta' din il-qorti f'dan il-procediment specjali hu limitat li tistabilixxi jekk ir-rikorrenti ghandhomx d-drittijiet minnhom vantati *in prima facie* kontra l-intimat;

Ikkunsidrat:

22. Illi kif jirrizulta anke mill-istess risposta tal-intimat, il-konvenju in dizamina kien imgedded sal-31 ta' Jannar, 2018, (ara foll 8 u 14 u 15);

23. Illi fil-prezent pero`, l-istess konvenju jirrizulta li skada;

24. Illi l-istess rikorrenti jippremettu li:

> "... l-kuntratt ta' kompra-vendita bejn l-intimat u Shanice Galea kellu jsehh sal-31 ta' Jannar, 2018, ... izda l-intimat Michael Micallef baqa' ma deherx u ghaldaqstant il-bejgh tal-*penthouse* lil Shanice Galea baqa' ma sehhx," (ara foll 1);

25. Illi ssir ukoll referenza ghall-kostituzzjoni ta' ipoteka, datata l-10 ta' Novembru, 2017, (ara foll 6), fejn gie hemm pattwit li jekk il-kuntratt tal-bejgh ma jsirx, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' ipoteka ma jkollu l-ebda effett fil-ligi", (ara foll 7);

Ikkunsidrat:

26. Illi in vista tas-suespost ghandu jkun pacifiku li t-talba ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni in kwistjoni mhix gustifikata *stante* li ma jirrizultax il-kreditu li r-rikorrenti qieghed hawn jivvantaw fil-konfront tal-intimat;

27. Illi ghalhekk, fin-nuqqas ta' dritt *in prima facie*, t-talba tar-rikorrenti ma treggix;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi in vista tas-suespost tqis li r-rikorrenti m'ipprovawx it-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

28.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

28.2. Takkolji r-risposti rilevanti tal-intimat;

28.3. Tirrespingi t-talba tal-intimat ghan-nullita` tar-rikors *de quo*;

28.4. Tirrevoka *contrario imperio* id-digriet provizorju taghha fir-rigward datat it-2 ta' Frar, 2018;

28.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**